MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2008

Appell Civili Numru. 5/2008

**Earthcare Compay Limited**

**vs**

**Kunsill Lokali Valletta**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta’ Dicembru, 2004, it-Tribunal Arbitrali fic-Centru Malti ta’ l-Arbitragg ippronunzja s-segwenti decizjoni preliminari fl-ismijiet premessi:-

> “Illi permezz tat-talba taghha maghmula ai termini ta' l-Artikolu 29 ta' l-Att Dwar l-Arbitragg in segwitu ta' l-Avviz ta' l-Arbitragg ipprezentat fil-21 ta' Frar 2003, is-socjeta` Earthcare Company Limited talbet il-hatra ta' Tribunal ta' l-Arbitragg sabiex Jiddeciedi dwar *tender* ghat-tindif fil-Belt Valletta peress illi skond ir-rikorrent huwa kreditur tal-Kunsill Lokali Valletta intimat fis-somma ta' hamsa

u ghoxrin elf, tlett mija u tlettax-il Liri Maltin (Lm25,313.00) flimkien ma' spejjez u imghax relattivi a bazi ta' l-istess *tender.*

Illi, permezz ta' Nota ta' Kontestazzjoni tieghu pprezentata fit-22 t'April, 2003 il-Kunsill Lokali Valletta intimat eccepixxa:

(1) il-preskrizzjoni ta' tmintax-il (18) xahar a tenur ta' l-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet;

(2) subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, il-Kunsill Lokali intimat ma huwiex debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ebda somma ta' flus u dan peress illi s-servizzi li taghhom qed jigi reklamat il-hlas kienu parti minn *tender* moghti lis-socjeta` rikorrenti ghal-liema servizzi s-socjeta' rikorrenti gia' thallset; u

(3) illi dwar il-*litter bins* dawn kienu sponsorjati minn terzi u l-Kunsill intimat ma kienx responsabbli jekk dawn gew vandalizzati.

Illi, fl-ewwel seduta quddiem dan it-Tribunal il-partijiet iddikjaraw illi in vista ta' l-eccezzjoni sollevata ta' preskrizzjoni ta' tmintax-il (18) xahar a bazi ta' l-Artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet, huma ghandhom iressqu x-xhieda relatata ma' dan il-punt u l-lodo ghandu jigi limitat fuq dan il-punt.

Illi, dan it-Tribunal zamm diversi seduti li fihom xehed *in extenso* Ronnie Balzan ghas-socjeta' rikorrenti, kif ukoll diversi ufficjali prezenti u passati tal-Kunsill Lokali Valletta.

Illi, sussegwentement il-partijiet inghataw il-fakolta' li jipprezentaw in-Nota ta' l-Osservazzjonijiet taghhom u z-zewg partijiet uzufruxxew minn din il-fakolta' filwaqt illi l-Kunsill Lokali intimat ipprezenta n-Nota tieghu fis-7 t'April 2004, is-socjeta`

rikorrenti pprezentat in-Nota taghha fis-7 ta' Mejju 2004.

It-Tribunal ikkunsidera s-segwenti:

Illi, t-talba li qed issir mis-socjeta' rikorrenti hija talba ghall-hlas ghal servizzi moghtija mill-istess socjeta' u ma jidhirx illi hemm, fil-fehma tat-Tribunal, kontestazzjoni bejn il-partijiet li s-socjeta` rikorrenti hija kuntrattur li tipprovdi servizzi. Hemm qbil bejn il-partijiet infatti illi s-socjeta' rikorrenti inghatat *tenders* li permezz taghhom kellu jsir tindif f'zoni fil-Belt Valletta u jidher palezi ghalhekk illi r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet wahda fejn ir-rikorrenti intraprendiet b'fini spekulattiv il-fornitura ta' servizzi ta' tindif lil Kunsill Lokali intimat a bazi ta' kuntratt ben definit.

Illi, l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili - Kap. 16 tal-Ligijiet jghid illi

*"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' tmintax-il xahar:*

*(a) l-azzjonijiet ta' hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara, u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu;"*

Dan l-Artikolu gie diversi drabi interpretat mill-gurisprudenza taghna u gie diversi drabi ritenut illi *"l-Artikolu 2148 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ma jolqotx il-kaz tal-llum ghax jolqot biss l-azzjonijiet ta' dawk li hadmu s-sengha jew arti mekkanika u mhux ta' dawk bhall-attrici li huma kuntratturi organizzati f'azjenda."* - "C. Stivala Limited vs Salvatore Cassar et" Sentenza moghtija fl-20 ta' Jannar 2004

Similment fil-kawza deciza fit-20 t'Ottubru 2003 fl-ismijiet "Stencil Pave (Malta) Limited vs Kunsill

Lokali Naxxar" l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili irribadiet il-principju illi gie stabbilit ukoll illi dwar l-azzjoni fejn persuna tfittex ghall-hlas ta' xoghol li tkun wettqet ghall-istallazzjoni ta' servizz f'post ma japplikax l-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili u dik l-Onorabbli Qorti kkwotat b'approvazzjoni s-Sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-15 t'April 1975 fil-kawza fl-ismijiet "Anthony Agius noe vs Norman Spiteri noe et".

Gie infatti ritenut illi l-Artikolu 2148 (a) jikkontempla sitwazzjoni fejn mastrudaxxa jitlob il-hlas ghal xoghol minnu maghmul, *"imma mastrudaxxa li jassumi appalt ta' fornitura ghal fini determinat ma jistghax jaqa' taht din id-dizzjoni*" - Qorti tal-Kummerc "Sapienza vs Antignolo" tal-5 ta' Dicembru, 1935 (Vol. XXIX-3-187). Infatti s-Sentenza tkompli "*dak l-Artikolu jirriferixxi ghal xoghol li persuna tkun ghamlet lil haddiehur a minuto jew bid-dettal*";

Similment gie ritenut mill-imsemmija Qorti fid-decizjoni taghha tas-7 t'Ottubru, 1954 "Sammut vs Grima" (Vol. XXXVII-III-688) fejn gie ritenut illi l-Artikolu eccepit f'dan l-Arbitragg *"tirreferixxi ruhha ghall-lokazzjoni ta' opera li biha l-persuni enumerati jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom u mhux ghal locatio operis li biha imprenditur jobbliga ruhu li jaghti mhux ix-xoghol imma l-prodott tax-xoghol - meta l-lokazzjoni d'opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi l-lokazzjoni karattru ta' att oggettivament kummercjali."* Jidher ghalhekk illi l-Artikolu 2148 l-ewwelnett ma jipprezupponix illi kien hemm kuntratt u jirreferi ghal lokazzjoni d'opera u mhux ghal *"i crediti di coloro in cui domina in carattere di speculatore, e che' piu' che la loro opera prestano un lavoro (omus) che fino a tanto che non sia consegnato rimane a loro rischio"* - Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) "Tommaso Pace noe vs Salvatore Muscat" tat-18 ta' Mejju, 1929 (Vol. XXI-I-1013)

Ukoll gie hekk ritenut fil-kawza deciza mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Mejju 2003 fil-kawza fl-ismijiet "Portelli vs Psaila" kif ukoll fis-Sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tal-5 t'Ottubru 2001 fl-ismijiet "Paul Formosa vs Salvu Debono".

Illi, kif gia' msemmi bejn il-partijiet kien hemm kuntratt rizultanti mit-tenders moghtija lis-socjeta' rikorrenti u x-xoghol ta' l-istess socjeta' huwa organizzat f'intrapriza li tiehu tali kuntratti u ghahekk fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal din il-preskrizzjoni ma hijiex applikabbli.

Illi, wkoll ghandu jigi rilevat illi gie diversi drabi ritenut illi "*l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ghalkemm rikonoxxuta bhala mehtiega biex tassigura illi l-azzjoni tigi ezercitata entro terminu stabbilit biex id-drittijiet u l-obbligi tal-kontendenti jigu debitament accertati, kienet minnha nnifisha odjuza u kellha allura tigi applikata restrittivament."* (Qorti ta' l-Appell 8 ta' Mejju, 2001 "Noel Ellul noe et vs Francis Vella noe")

Gie diversi drabi ritenut illi l-Awtorita' gudizzjarja hija marbuta li tikkunsidra preskrizzjoni specifika mressqa mill-konvenuti / intimati u ma tistax *ex ufficio* tqis terminu preskrittiv iehor ghax jekk isir dan, l-Awtorita' Gudizzjarja tkun qieghda *"tissuplixxi ghall-parti eccipjenti materja odjuza li fiha ma tistghax tiehu inizjattiva"* (Vide Qorti ta' l-Appell Civili tal-11 ta' Mejju, 1966 fil-kawza fl-ismijiet "Cali vs Galea" - Kollezz. XLI.I.166. Ma jistax ghalhekk dan it-Tribunal jissoleva preskrizzjonijiet li ma gewx eccepiti.

Ghar-ragunijiet fuq imsemmija, Dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-Kunsill Lokali Valletta intimat a bazi ta' l-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili

- Kap. 16 tal-Ligijiet u jordna l-prosegwiment ta' dan l-Arbitragg."

Sussegwentement l-istess Tribunal Arbitrali ddetermina definittivament il-kwestjoni fis-7 ta' Settembru, 2007 permezz tal-Lodo hawn taht riprodott:-

"It-Tribunal,

Illi permezz tat-talba taghha maghmula ai termini ta' l-Artikolu 29 ta' l-Att Dwar l-Arbitragg in segwitu ta' l-Avviz ta' l-Arbitraggipprezentat fil-21 ta' Frar 2003, is-socjeta` Earthcare Company Limited talbet il-hatra ta' Tribunal ta' l-Arbitragg sabiex Jiddeciedi dwar *tender* ghat-tindif fil-Belt Valletta peress illi skond ir-rikorrent huwa kreditur tal-Kunsill Lokali Valletta intimat fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, tlett mija u tlettax-il Liri Maltin (Lm25,313.00) flimkien ma' spejjez u imghax relattivi a bazi ta' l-istess *tender.*

Illi, permezz ta' Nota ta' Kontestazzjoni tieghu pprezentata fit-22 t'April, 2003 il-Kunsill Lokali Valletta intimat eccepixxa:

(1) il-preskrizzjoni ta' tmintax-il (18) xahar a tenur ta' l-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet;

(2) subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, il-Kunsill Lokali intimat ma huwiex debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ebda somma ta' flus u dan peress illi s-servizzi li taghhom qed jigi reklamat il-hlas kienu parti minn *tender* moghti lis-socjeta` rikorrenti ghal-liema servizzi s-socjeta' rikorrenti gia' thallset; u

(3) illi dwar il-*litter bins* dawn kienu sponsorjati minn terzi u l-Kunsill intimat ma kienx responsabbli jekk dawn gew vandalizzati.

Illi, fl-ewwel seduta quddiem dan it-Tribunal il-partijiet iddikjaraw illi in vista ta' l-eccezzjoni sollevata ta' preskrizzjoni ta' tmintax-il (18) xahar a bazi ta' l-Artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet, huma ghandhom iressqu x-xhieda relatata ma' dan il-punt u ghandu jinghata *lodo* preliminari fuq il-materja ta' preskrizzjoni;

Illi permezz tad-decizjoni Tieghu tat-9 ta' Dicembru 2004, dan it-Tribunal cahad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-Kunsill Lokali intimat u ordna l-prosegwiment ta' dan l-Arbitragg;

Illi permezz ta' l-Affidavit tieghu pprezentat fil-11 ta' Gunju 2003, Ronnie Balzan, *Managing Director* tas-socjeta rikorrenti stqarr:-

*"Illi irrid nghid li permezz ta' "Letter of Acceptance" mahruga mill-Kunsill Lokali tal-Belt (Dok. "A") is-socjeta minni rapprezentata kienet inghatat tender li permezz tieghu kellu jsir tindif f’zoni differenti tal-Belt Valletta u anke tindif ta' litter bins. Illi sussegwentement, u dana huwa l-mertu, il-kubagg ta' kull litter bin gie awmentat minn-naha tas-socjeta tieghi u dana bi ftehim mal-Kunsill konvenut. Illi l-award li jiena inghatajt ma kienetx biss limitat ghall-litter bins, u s-socjeta tieghi kienet taghmel kull xorta ta' tindif fil-Belt hekk kif kien jordna l-konvenut. Irrid nghid li jiena minn zmien ghal zmien u b'mod aktar preciz kull xahar kont nibghat invoice lill-konvenuti b'dak li kellhom ihallsu ghas-servizz minni provdut.*

*Illi kont bdejt ninnota minn zmien ilu li l-awment li jiena kelli niehu talli (a) zdiedu l-bins u anke talli (b) zdid il-kubagg originali ta' kull bin, ma kienx qed jithallas mill-konvenuti, b'dana illi pagamenti ohra dwar s-servizz provdut kif miftiehem bejni u bejn il-konvenuti kienu qed isiru."*

Illi l-imsemmi xhud ikompli jispjega kif ghamel diversi lmenti ma' diversi ufficjali tal-Kunsill u

mbaghad ghamel diversi rapprezentazzjonijiet permezz tal-Avukat tieghu. Illi s-socjeta rikorrenti ezibit ukoll dak li sejhitlu *"Report on Overdue Payments by the Valletta Local Council for the Emptying of Bins",* liema rapport huwa kumpilat mill-imsemmi Direttur Manigerjali Ronnie Balzan u li ghalih qed issir referenza. F'dan ir-rapport jinghad illi t-talba reklamata hija ta' sebgha u tletin elf, mitejn u disgha u hamsin liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm37,259.78), liema somma tirrelata ghall-perijodu bejn Jannar 1996 sa Mejju 1999. Dan il-perijodu gie dedott mis-socjeta rikorrenti ghaliex hija ssostni illi bdiet taghti s-servizz fuq il-*litter bins* il-godda minn Dicembru 1995 pero` bdiet titlob il-hlas minn Jannar 1996 u hija tippretendi li ghandha tithallas ta' dawn sa Mejju 1999 gialadarba it-tender kien jaghlaq f'dak il-perijodu ta' Mejju 1999 u wara liema perijodu, huwa tajjeb li jissemma wkoll illi beda kuntratt gdid bejn l-istess partijiet - l'hekk imsejjah "Tieni Kuntratt".

It-Tribunal f'dan l-istadju jkollu jirrimarka illi huwa pacifiku bejn il-partijiet illi inghata kuntratt gdid fuq *tender* kompletament separat minn dak mertu ta' dan l-arbitragg u liema kuntratt ta' tindif bejn iz-zewg partijiet kellu jibda mill-1 ta' Gunju 1999 u jibqa' sejjer tal-31 ta' Mejju 2001, kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ezibit bhala Dok. "CRC2" mill-Kunsill Lokali intimat. L-ewwel kuntratt inghata permezz tat-*tender,* mertu ta' dan l-arbitragg, li jirrelata ghall-perijodu bejn l-1 ta' April 1995 sal-31 ta' Marzu 1998 u dan kif jirrizulta mid-dokumenti "PBO1" u "PBO2" ezibiti fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2005. Anzi *per precizione,* id-dokument "PBO1" jghid li l-kuntratt kellu jieqaf fit-30 ta' April 1998 mentri skond id-Dok. "PBO2", il-kuntratt kellu jkun validu sal-31 ta' Marzu 1998. Minkejja dan, ma jidhirx li gie kontestat li l-ewwel kuntratt baqa' jirregola ir-relazzjoni bejn il-partijiet sal-31 ta' Mejju 1999; wara din id-data gie fis-sehh "it-tieni

kuntratt". Fl-imsemmi *report,* is-socjeta Earthcare tkompli tghid:-

*"In our correspondence of 10th October 1995, Earthcare Limited proposed to the Valletta Local Council the installation of new Litter Bins in Valletta (App. 2). In response to our faxed proposal, the former Mayor of the Valletta Local Council, Mr. Hector Bruno, agreed to our suggestions.*

*Since the Valletta Local Council was not in a financial position to purchase these litter bins, it was suggested that Earthcare Limited would find sponsors to pay for them as these refuse containers cost over one hundred Maltese liri (Lml00.00) each. It was also established that the Valletta Local Council would insure all litter bins and pay for the emptying and cleaning of same. The size and duration of the Advertising Space were determined as well. These conditions were confirmed officially by the Valletta Local Councils notification headed "Twahhil ta' litter bins fil-Belt", signed by the A/Secretary, Mr. Simon Cauchi (App. 3). This Agreement was issued after discussions and verbal consent was reached between the undersigned on behalf of Earthcare Limited and Mr. Hector Bruno on behalf of the Valletta Local Council.*

*Following this agreement, the Valletta Local Council appointed Mr. Joe Spiteri as its Contract's Manager to supervise the cleaning works in Valletta. Prior to the installation of the new litter bins, I invited Mr. Spiteri to make a physical inspection of the existing old litter binds which amounted to a total of forty-seven (47) "BINS" and which I agreed to round up to fifty (50). This commitment on my part was verbally conveyed to all interested parties on several occasions and specifically declared in writing in my letter dated 13th March, 1995, together with the Quotation*

*Proposal for the cleaning and the service of refuse collection from Valletta City (App. 2).*

*After our presentation of various samples of litter bins, the Valletta Local Council chose the "Topsy Jubilee " model with a receptacle capacity of eighty-five (85) litres, which we ordered from the United Kingdom immediately. Fifty-seven of these bins were placed according to Mr. Joe Spiteri's instructions, at various points in the Centre and peripheries of Valletta, within a few weeks time.*

*As already indicated above, it had been agreed that extra payments were to be effected for the cleaning and emptying of the new litter bins, taking into consideration the increase in volume of litter involved. These expenses work out proportionally to cater for the following addition costs:-*

- *6025 litres of waste was being collected against the original 1250 litres (more volume - more weight)*
- *Refuse collection rounds had to be increased to dispose of waste material collected (Space limited of small vans which were allowed to collect the refuse)*
- *Manpower and hence labour costs increased proportionally - the original old bins were not locked and had no cover. The new bins had a key-locked cover, which had to be removed to reach the litter receptacle inside. This operation proved to be more time consuming.*
- *Additional fuel consumption*
- *Increase in wear and tear of the collection vehicles"*

Hawn ukoll id-Direttur Manigerjali jsemmi l-lamenteli li ghamel mad-dirigenti tal-Kunsill kif ukoll il-proceduri illi segwa tramite l-Avukati tieghu u anke xi referenzi li hu ghamel lid-Dipartiment dwar il-Kunsilli Lokali; Illi sussegwentement, fit-3

ta' April 2007, l-imsemmi Ronnie Balzan ipprezenta dikjarazzjoni ohra tieghu fejn wara illi rega' semma d-diversi lamenteli li ghamel mal-Kunsill u anke tramite l-Avukati tieghu, huwa ghadda biex fi kliemu jaghti spjegazzjoni ta' kif illikwida t-talba minnu pretiza u nfatti sostna:-

*"When one considers that to empty for example 50 bins of 25 litres it only needs 1 man and 1 wheelie bin, to empty 50 bins of 85 litres it takes 2 men and a larger vehicle in which to empty the rubbish. Also they have to be cleaned and so another power wash vehicle is needed. This is why I quoted the cleaning by volume rather than by the amount of bins. If one considers employing 2 men to do the cleaning, they take 3 hours (including the journey from the garage in Ta' Qali to Valletta to Maghtab and back to the garage) twice daily at Lm3 per person per hour (to include wages. Bonuses etc). This amounts to Lm36 daily not including the power wash vehicle expenses, such as petrol, insurances, wear and tear etc, as well as the fee for dumping at Maghtab. The amount charged to the council was Lm26.74 daily which we considered as being a fair price seeing as this is done on a daily basis for 3 yeas.*

*The amount of bins installed in Valletta was also in question. The council can check how many bins were insured. Was the insurance for the 50 so called bins which were only paint buckets (as one can see from the pictures provided)? One can assume that the insured bins were for the new imported bins installed by Earthcare to upgrade the city.*

*We would also like to point out that the 8% interest charged on invoices not paid was part of the contract (Clause 3 -"Interest on overdue Payments").*

Illi din ir-riferenza ta' *"Lm26.74 daily"* hija spjegata ahjar f'ittra tat-23 ta' Lulju 1996 ezibita wkoll bhala "Appendix 5" mad-dikjarazzjoni tat-30 ta' Marzu 2007;

Illi in sostenn tal-pozizzjoni taghha, s-socjeta rikorrenti wkoll ipproduciet kemm impjegati taghha kif ukoll ipproduciet affidavits ta' numru ta' persuni li kienu ufficjali tal-Kunsill Lokali intimat fi zmien li s-socjeta rikorrenti ssostni li kienet qed taghmel il-lamenteli lill-istess Kunsill intimat;

Illi mill-provi prodotti, jirrizulta illi t-talba tas-socjeta rikorrenti hija maqsuma f'zewg partiti u cioe` (a) dak rigwardanti s-servizz ta' tbattil u tindif ta' *litter bins* minn Jannar 1996 sa Mejju 1999 li, skond is-socjeta rikorrenti, kien in eccess ghal dak li kien hemm fit-*tender* u li kellu jsir hlas addizzjonali ghalih u (b) somma ulterjuri dwar rimpjazzar ta' *litter bins* installati mis-socjeta rikorrenti u li gew vandalizzati matul iz-zmien, liema *litter bins* hemm qbil li kienu inxurjati mill-Kunsill intimat;

Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghall-"Appendici 1" anness mad-Dikjarazzjoni prezentata fit-3 ta' April 2007, li hija ittra tal-istess Direttur Manigerjali Ronnie Balzan lill-konsulent legali tieghu Dottor Graziella Bezzina, fejn jispjega kif inhija maqsuma allura it-talba ta' sebgha u tletin elf, mitejn u disgha u hamsin liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm37,259.78). Skond l-imsemmi Ronnie Balzan, din hija maghmula minn sitta u ghoxrin elf, erba' mija u tnejn u ghoxrin liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm26,422.78) kapital u r-rimanenti huwa imghax. Il-bilanc ta' sitta u ghoxrin elf, erba' mija u tnejn u ghoxrin liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm26,422.78) huwa maghmul minn bilanc ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u erbgha u tletin liri Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm23,234.42), somma rapprezentanti t-tbattil u tindif ta' *litter bins* minn Jannar 1996 sa' Mejju 1999 u tlett elef, mija u tmienja u tmenin liri

Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm3,188.36) rimpjazzar ta' *litter bins;*

Illi t-Tribunal, fic-cirkostanzi, jkollu jirrimarka illi proprju sad-data tal-ahhar seduta s-socjeta rikorrenti pprovdiet biss dawn l-indizji ta' kif ghandu jigi likwidat il-pretensjoni taghha u xejn aktar. Ma gie ezibit l-ebda prospett dettaljat per diem ta' kif is-socjeta rikorrenti waslet ghall-figuri minnha msemmija. Infatti l-aktar prospett dettaljat li gie esibit kien dak tat-2 ta' Marzu 2007 li huwa prospett bazat fuq l-invoices li, skond is-socjeta rikorrenti, kienu jintbaghtu kull xahar lill-Kunsill lokali intimat. Naturament, it-Tribunal ikollu bilfors jiehu konjizzjoni u jiddelibera unikament fuq dak illi gie pprezentat lilu sabiex jistabbilixxi jekk jirrizultax mill-provi li t-talba, kif kontenuta fl-avviz promotur ta' dan l-arbitragg, hijiex wahda gustifikata;

Illi min-naha tieghu, il-Kunsill Lokali intimat ipprezenta diversi affidavits. Is-**Sindku Dottor Borg Olivier** spjega **fl-Affidavit** tieghu pprezentat fl-**14 ta' Frar 2006**, illi huwa kien ilu fil-Kunsill Lokali sa mit-twaqqif tieghu fil-1994 u li:-

*"Fi zmien li inghata l-ewwel kuntratt lill-Earthcare Limited, cioe` dak ta' 1 ta' Mejju 1995, jien kont Kunsillier. Niftakar ben tajjeb id-diskussjonijiet ghaliex kont involut fl-ghoti ta' kuntratti flimkien mas-Sindku Hector Bruno, il-Vici Sindku David Azzopardi u l-Kunsillieri l-ohra kollha.*

*Fil-bidu, ta' l-ewwel kuntratt, kollox kien miexi regolari u ma kien hemm l-ebda problema bejn il-kunsill u il-kuntrattur.*

*Gara li tul il-perjodu ta' l-ewwel kuntratt, l-Earthcare Limited kien importa diversi litter bins minn barra li xtaq jintroducihom fis-suq. F'dak iz-zmien huwa kien talab lill-Kunsill biex jaghmel arrangament ma xi whud mis-sidien tal-hwienet biex jisponsorjaw xi ftit litter bins ghac-centru tal-*

*Belt. F'dan ir-rigward, huwa kien biddel il-godda ma' xi whud mill-qodma tac-centru bil-ghan li jaghmel reklam ghalih innifsu.*

*Peress li dak iz-zmien il-kunsill kien diga qed jonfoq hafna flus fuq it-tindif, il-kunsill esiga li fit-tibdil tal-bins ma jinvolvix ruhu fi spejjez ulterjuri ghajr l-assikurazzjoni tal-istess bins kif ukoll li t-tbattil taghhom kellu jibqa' jsir a tenur tal-istess kuntratt.*

*Dan kien intendiment car taz-zewg partijiet sa mill-bidu. Fir-rigward ta' dak li sostna s-Sur Balzan fl-affidavit tieghu, il-kunsill ma kienx qed jaghmel ebda hlas ta' awmenti ghas-semplici raguni li ma kien dovut l-ebda awment mill-kunsill ghas-servizz li kienet qed tkompli taghti, u li kienet obbligata li taghti l-istess socjeta.*

*Ftit wara li saru il-litter bins, il-Kunsill kien iffacjat minn invoices ghall-extra service u cioe` ghall-awment it-tbattil tal-bins. Il-kunsill qatt ma irrikonoxxa dan l-awment u wisq inqas hallas ghalih. Fil-fatt, mhux minnu li l-kunsill, jew kunsillier, kien iwieghed il-hlas ta' dan l-awment. Il-linja tal-Kunsill kienet wahda unanima u inekwivoka, fis-sens li ma ghandux jithallas l-ebda ammont ghaliex ma kienx dovut l-ebda ammont."*

Ix-xhud ikompli jispjega li kienet anke saret laqgha fid-19 ta' Novembru 1996 fejn kien gie deciz li l-Kunsill ma kienx qed jaccetta l-pretensjoni tas-socjeta rikorrenti, liema decizjoni, skond l-istess xhud, kienet giet komunikata lis-socjeta rikorrenti. Ikompli jispjega dan ix-xhud illi l-pretensjoni tal-kuntrattur kienet li qed jitlob awment ta' circa hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) u li skond l-istess xhud, il-kuntrattur, kieku ma kienx sodisfatt bid-decizjoni tal-Kunsill, kellu l-fakolta jirtira minn dan il-kuntratt. Jammetti wkoll, dan ix-xhud, illi l-Kunsill ukoll seta' jirtira f'dak l-istadju pero' ma ghamilx dan ghaliex sostna li kollox kien qed isir fil-

parametri tat-*tender* kif gie moghti. Ikompli l-imsemmi Dottor Borg Olivier billi jaghmel referenza ghat-tieni kuntratt li rebhet is-socjeta rikorrenti u li beda b'effett mill-1 ta' Gunju 1999 u dan ix-xhud jistqarr illi s-socjeta rikorrenti addirittura ikkwotat prezz anqas ghat-tindif milli kienet ikkwotat fl-ewwel *tender* u dan meta l-*litter bins* il-godda kienu diga *in situ.* Isemmi wkoll l-istess xhud, illi t-talba kienet teccedi dak permess skond l-Artikolu 47 tal-*General Conditions of Contract* u dan stante li kienu talbiet ghall-varjazzjonijiet li jimportaw zieda fil-valur ta' bejn tnejn punt hamsa fil-mija (2.5%) sa ghaxra fil-mija (10%) illi kienu permessi ghall-Kunsill illi jitratta u jiddeciedi u li oltre l-imsemmija varjazzjonijiet, il-Kunsill ma setax jittratta imma kellu jinhareg kuntratt gdid. Kompla jispjega illi huwa kien deherlu li l-kuntrattur, kieku ma qabilx mad-decizjoni tal-Kunsill, kellu l-fakolta jirtira mill-kuntratt u li mhux talli ma rtirax mill-kuntratt imma talli issottometta *tender* ghall-kuntratt sussegwenti bi prezz li huwa inferjuri ghal dak ta' l-ewwel kuntratt. Ix-xhud spjega wkoll li l-i*statements* li kienet tibghat is-socjeta rikorrenti kienet baqghet tibghathom biss sa Novembru 1998 - imbaghad harget l-offerta ghat-tieni kuntratt u nghata, kif gia' msemmi, lis-socjeta rikorrenti u sa meta spicca t-tieni kuntratt u cioe` sal-31 ta' Mejju 2001, is-socjeta rikorrenti ma kienet bghatet l-ebda *statement* ghall-allegat bias u kien biss, dejjem skond dan ix-xhud, meta s-socjeta rikorrenti tilfet it-tielet *tender* u cioe` ghat-tindif li kellu jsir wara Mejju 2001, li hija regghet bdiet bl-ilmenti u reklam taghha rigward is-servizzi fl-ewwel kuntratt;

Illi ghalhekk tezisti divergenza bejn dak li qed issostni s-socjeta rikorrenti u cioe' li kien hemm *"ftehim"* bejnha u bejn il-Kunsill Lokali intimat illi hija ghandha tithallas tal-kubagg addizzjonali introdott wara li beda fis-sehh l-ewwel *tender* u cioe' b'effett mill-1 ta' Jannar 1996 u dak li jsostni

l-Kunsill Lokali intimat illi effettivament dan il-ftehim qatt ma sehh;

Ma hemmx kontestazzjoni li ftehim bil-miktub ma kienx jezisti. Saru allegazzjonijiet mis-socjeta rikorrenti, partikolarment fix-xiehda tad-Direttur Manigerjali taghha Ronnie Balzan, illi kien hemm qbil espress fis-sens li xi hadd mill-ufficjali tal-istess Kunsill kien qabel illi jkun hemm il-hlas addizzjonali. It-Tribunal isib li ma giex ippruvat illi ftehim espress bejn ir-rikorrenti u l-Kunsill intimat kien jezisti rigward bias addizzjonali li kellu jsir ghal zieda fil-kubagg tal-*litter bins.* Dak illi t-Tribunal invece isib u jirrizultalu li kien hemm ftehim espress dwaru huwa illi (a) s-socjeta rikorrenti tirrimpjazza l-*litter bins* li kienu jezistu fil-bidu tal-kuntratt u fl-1 ta' Mejju 1995 (b) illi dawn il-*litter bins* jigu sponsorjati mis-sidien tal-hwienet u (c) illi l-*bins* ikunu inxurjati mill-Kunsill Lokali. Dan johrog ukoll mic-cirkolari illi nhareg mill-Kunsill Lokali, Valletta li jidher li hija cirkolari mahruga lill-utenti u lill-hwienet tal-istess belt;

Illi allura jirrizulta li ma kienx hemm ftehim bil-miktub, u li l-partijiet ma varjawx il-kundizzjonijiet tat-*tender* kif iffirmat originarjament bejnithom bil-miktub,u lanqas ftehim espress verbali ma jidhirx li kien hemm; anzi bil-maqlub, filwaqt li s-socjeta rikorrenti kienet qeghda tinsisti b'mod assidwu u tibghat l-*invoices* ghall-hlas addizzjonali relattiv ghaz-zieda fil-kubagg ta' *litter bins,* il-Kunsill Lokali kien qieghed konsistentement ma jhallasx tali kontijiet u fl-ewwel stadju jinforma lill-istess socjeta rikorrenti li huwa ghadu ma hax decizjoni u fi stadju ulterjuri jghid li ha decizjoni li ma jqis illi l-hlas huwa dovut. Fic-cirkostanzi ghalhekk huwa l-kompitu ta' dan it-Tribunal li jara jekk bejn il-partijiet, f'din ir-retroxena, kienx jezisti ftehim tacitu;

Illi f'dan l-istadju pero', qabel ma t-Tribunal jiddelibera fuq dan il-punt, huwa importanti illi

tissemma t-talba li s-socjeta rikorrenti qed taghmel ukoll ta' tlett elef, mija u tmienja u tmenin liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm3,188.36) ghar-rimpjazzar ta' *bins* li gew vandalizzati u dan stante li, kif fuq imsemmi, jidher li din hija wkoll involuta fit-talba ta' hamsa u ghoxrin elf, tlett mija u tlettax-il liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm25,313.28) maghmula fl-avviz promotur ta' dan l-Arbitragg;

Illi t-Tribunal, l-ewwelnett, jirrileva illi ser jghaddi biex jiddelibera fuq l-istess, minkejja li l-istess avviz ma jaghmilx referenza cara ghal dan. Infatti, fl-i*statement of claim* jinghad illi t-talba giet necessitata ghaliex *"respondent failed to pay for all the services rendered by claimant"*u fin-<u>Notice of Arbitration</u> jinghad illi n-natura tat-talba tieghu hija *"non payment by respondent for services rendered".* Jidher ghalhekk illi t-talba kif maghmula hija ghal <u>servizzi li gew rezi</u> lill-Kunsill Lokali intimat u mhux imhallsa. Strettament allura irid jissemma illi t-talba ghad-danni sofferti minhabba rimpjazzar ta' *litter bins* ma tistax titqies bhala *"a service rendered".* It-Tribunal pero' jhoss li ghandu jikkunsidera tali talba anke minhabba l-fatt illi fid-deskrizzjoni ta' *"points at issue"* fl-i*statemment of claim* it-talba hija miftuha hafna aktar minn hekk u hija ghal *settlement of debts.* Di piu`, jidher li l-Kunsill Lokali intimat kien qed jifhem ukoll illi din it-talba hija inkluza fit-talba tas-socjeta rikorrenti u infatti, meta rrisponda huwa ghamel l-eccezzjonijiet tieghu wkoll fir-rigward ta' din it-talba tal-*litter bins.* Ghalhekk it-Tribunal ma jarax illi l-Kunsill Lokali intimat gie b'xi mod pregudikat jew imqieghed f'xi pregudizzju biex jirrispondi it-talba tas-socjeta rikorrenti. Kif inghad fis-sentenza tal-**Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Marzu 1965 fil-kawza fl-ismijiet "Marianna Muscat nomine vs Avukat Dottor Joseph Cassar et nomine" (Kollez. XLIX..809):-**

*"il-gurisprudenza infatti issanzjonat il-principju li m'hijiex necessarja l-ebda forma espressa ghall-propozizzjoni ta' azzjoni (Kollez. XXIV..501) basta li jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur (Kollez. XXIX.i.431) "*

Hekk ukoll is-sentenza tal-istess **Onorabbli Qorti tal-14 ta' Frar 1967 fil-kawza fl-ismijiet "Joseph G. Coleiro vs Tabib Joseph Ellul" (Kollez. LI.ii.779): -**

*"biex att ta' citazzjoni jghaddi mill-prova ta' validita` huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrikha "*

Illi ghalhekk, it-Tribunal ihoss li ghandu jikkonsidra din it-talba maghmula. Illi fl-"Appendici 1" anness flimkien mad-Dikjarazzjoni pprezentata fit-3 ta' April 2007, fejn id-Direttur Manigerjali jsostni li t-talba ta' rimpjazzament ta' *litter bins* kienet ta' tlett elef, mija u tmienja u tmenin liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm3,188.36) [li flimkien mat-tlieta u ghoxrin elf u erbgha u tletin liri Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm23,034.42) ammont ta' servizz ta' tbattil ammontaw ghal sitta u ghoxrin elf, erba' mija u tnejn u ghoxrin liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm26,422.78)];

Illi t-talba fl-Att promotur ta' dan l-arbitragg saret ghall-hamsa u ghoxrin elf, tlett mija u tlettax-il liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm25.313.28) u cioe' t-talba hija ridotta ghas-somma ta' elf, mija u disgha liri Maltin (Lm1,109.00). It-Tribunal jifhem illi d-differenza tirraprezenta il-hlas maghmul mis-socjeta assikuratrici lill-Kunsill Lokali, liema hlas, hemm qbil bejn il-partijiet, illi ghadda lill-istess socjeta rikorrenti. Per precizjoni, dan l-ammont kien ta' elf, mija u tmintax-il liri Maltin (Lml, 118.00) u dana kif jirrizulta mid-depozitu tal-5 ta' Ottubru 1999, rifless fil-prospett ezibit mal-Affidavit ta' Ronnie Balzan

tal-11 ta' Gunju 2003 u ghalhekk it-talba f'dan il-kaz fir-rigward ta' dan il-kap, hija ta' tlett elef, mija u tmienja u tmenin liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm3,188.36) nieqes (-) elf, mija u tmintax-il liri Maltin (Lm1,118.00) u cioe' ta' elfejn u sebghin liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm2,070.36);

Illi, mill-provi prodotti, jirrizulta pero` illi kien jezisti ftehim bejn il-partijiet illi s-socjeta rikorrenti ghandha tipprovdi l-*litter bins* il-godda, liema *litter bins* jigu sponsorjati minn diversi hwienet fil-Belt. Imkien ma gie allegat li dawn il-*litter bins* kienu qed jinghataw jew b'xi mod li l-proprjeta ta' dawn il-*litter bins* kienet qed tigi trasferita lill-istess Kunsill Lokali. Huwa car mit-talba tal-istess socjeta rikorrenti li hija qed tippretendi li dawn il-*litter bins* baqghu proprjeta taghha ghaliex altrimenti, ma tistax tirreklama li tithallas tal-hsara illi saret fuqhom u tal-hlasijiet illi ghamlu l-i*sponsors* ghall-*advertising space* maghmul fuq l-istess *litter bins;*

Illi huwa stabbilit, allura, minghajr ebda dubbju li dawn il-*litter bins* kienu baqghu proprjeta (owned) tas-socjeta rikorrenti u hemm qbil ukoll bejn il-partijiet illi l-hsarat riskontrati mis-socjeta rikorrenti fil-*litter bins* taghha kienu r-rizultat ta' atti vandali kommessi minn terzi persuni injoti. Illi f'dan ir-rigward, huwa bazilari li kien jinkombi fuq is-socjeta rikorrenti li ggib il-prova u tissottometti dwar kif il-Kunsill Lokali intimat ma wzax il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja li b'xi mod allura jitfa' r-responsabbilita` ta' dawn l-atti vandali fuq l-istess Kunsill Lokali intimat. Altrimenti, japplika il-principju *res perit domino* u **l-Artikolu 1029 tal-Kodici Civili,** a propozitu jipprovdi illi:

*"kull hsara li tigri f'accident jew forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dizpozizzjoni espressa tal-*

*ligi li tghid il-kuntrarju, dak li fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara. "*

Illi dwar il-kaz fortuito u <u>l-forza magguri</u> gie:-

*"pacifikament akkolt mill-gurisprudenza taghna fuq is-suggett il-"forza magguri" hija dik il-forza li ghaliha huwa impossibbli li wiehed jirrezisti, mentri l-"kaz fortuwitu" huwa dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diligenza - **"Albert Borg Falzon pro et noe vs Charles Darmanin pro et noe", Appell Kummercjali, 7 ta' Gunju 1940 (Vol XXX p I p 869)***

*Gja kien gie stabbilit illi "il caso fortuito o la forza maggore e` l'evento non dipendente da azione o omissione volontaria o colposa, non prevedibile o almeno non evitabile" - **"Pubblio Azzopardo vs Antonio Arcicovich et", Appell Civili, 14 ta' Novembru 1919 (Vol XXIV p I p 172)**.*

Hekk issokta jinghad ukoll illi

*"biex ikun hemm il-kaz fortuwitu jrid ikun hemm event li ma jiddependix mill-fatt tad-debitur, event imprevedibbli u inevitabbli. Ghall-applikazzjoni tal-prevedibilita` jew imprevedibilita` ta' l-event ghandha tigi applikata t-teorija tad-diligenza tal-"bonus pater familias" li fin-nuqqas taghha ggib il-"colpa" tad-debitur, li allura jiznatura l-koncett tal-"forza maggiore " - **"Kurunell Hugh Philip Raymond noe vs Neg Manwel Busuttil pro et noe", Appell Kummercjali, 16 ta' Novembru 1942 (Kollez Vol XXXI p I p 554)**.*

Fil-precitati kazijiet kollha gie affermat il-principju illi

"*il concetto del caso fortuito, in quanta almeno alla irresponsabilita` che ne deriva, viene meno quando concorre il fatto positivo o negattivo*

*dell'uomo"* ***(P.L. Costantino Fenech vs Camilla Gatt noe et", Prim' Awla, 17 ta' Marzu 1902 (Vol XVIII p II p 164); "Caterina Bezzina vs Giorgio Grech et", Prim' Awla, 7 ta' Gunju 1938 (Vol XXX p II p 142)***.

Kif ahjar spejgat fil-precitata sentenza a **Vol XXIV p I p 172**:

*"quando invece vi ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione o omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto "*

Illi enuncjati dawn il-principji, allura, dak illi jrid jigi stabbilit huwa jekk is-socjeta rikorrenti ppruvatx illi l-Kunsill Lokali intimat naqas mill-obbligu tieghu li juza l-prudenza, diligenza u hsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Ghandu jinghad illi din il-pretensjoni tas-socjeta rikorrenti tidher li kienet ferm sekondarja ghaliha u, matul l-andament tal-arbitragg, il-provi li ngabru u t-trattazzjonijiet li saru kienu jirrigwardaw kwazi unikament il-pretensjoni rigward it-tbattil u t-tindif tal-*litter bins* u mhux dawk dwar id-danni ghar-rimpjazzar tal-*litter bins.* Imkien ma' s-socjeta rikorrenti tispjega, kif, skond hija, huwa responsabbli l-Kunsill Lokali intimat ghall-atti vandali kommessi fuq il-*litter bins* proprjeta taghha. L-uniku cenn li jsir huwa illi l-Kunsill Lokali Valletta kellu jassikura dawn il-*litter bins,* liema assikurazzjoni jidher illi saret, pero` s-socjeta assikuratrici hallset somma inferjuri ghal dak pretiza mis-socjeta rikorrenti. Ghandu jinghad ukoll illi s-socjeta rikorrenti ma gabet l-ebda prova dwar kif waslet ghas-somma minima reklamata f’danni. Huwa minnu li fix-xiehda taghha, Helen Paris issemmi li malli kienu jigu vandalizzati xi *litter bins,* hija kienet tinforma lill-Kunsill Lokali b'dan; pero` mkien fl-atti - salv ghall-indikazzjoni fl-*invoices* tar-rikorrenti - ma hemm l-icken prova

korroboranti tad-danni li huwa allegat li sofriet is-socjeta rikorrenti u l-aktar menzjoni diretta tal-istess tinstab l-aktar fil-prospett tat-2 ta' Marzu 2007 u fl-imsemmi "Appendici 1" tad-Dikjarazzjoniipprezentata mis-socjeta rikorrenti fit-3 ta' April 2007.

Ghandu jinghad ukoll illi anke jekk l-*invoices* imsemmija fl-istess dokument effettivament intbaghtu lill-Kunsill Lokali intimat, xorta wahda ma hemmx il-prova ta' kif l-istess Kunsill Lokali intimat kellu jkun responsabbli hlief illi jghaddi l-istess talba lis-socjeta assikuratrici. Fid-dawl tal-fatt ghalhekk illi ma ngiebet l-ebda prova illi l-Kunsill Lokali intimat naqas f’xi dover li kellu fir-rigward ta' dawn il-*litter bins* bhala missier tajjeb tal-familja u li, in konsegwenza ta' dak in-nuqqas, sofriet danni s-socjeta rikorrenti, ghandu japplika l-principju *res perit domino* kif fuq imsemmi u ghalhekk din it-talba, almenu fil-konfront tal-Kunsill Lokali intimat, ma ghandhiex tigi akkolta u qed tigi michuda;

Illi mbaghad fir-rigward tat-talba principali u cioe` dik relatata ghas-servizz tat-tbattil u tindif ta' *litter bins,* ir-rizoluzjoni tal-vertenza odjerna trid tinstab fuq dak illi verament kien l-intendiment fuq l-interpretazzjoni korretta ta' dak illi kienu qeghdin jiftehmu l-partijiet meta gew introdotti il-*litter bins* il-godda mis-socjeta rikorrenti. Kif fuq inghad, m'hemmx kontestazzjoni li l-ftehim espress, benche' verbali, biex dawn jigu introdotti kien jezisti. Dak illi espressament il-partijiet ma pprovdewx dwaru kien dwar jekk ghandux ikun hemm "varjazzjoni fil-hlas" biex jirrifletti l-kubagg addizzjonali ta' dawn il-*litter bins;*

Jibda biex jinghad illi bhala principju generali tal-interpretazzjoni tal-kuntratti, l-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili jghid illi:-

*"Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni.*

*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvinzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda".*

***(Appell Kummercjali 5 ta' Ottubru, 1998 - "Gloria mart Jonathan Beacam et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines")****"*

F'din is-sentenza, l-Onorabbli Qorti tal-Appell ziedet tghid:-

"*Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hiex ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu" (****Vol XXXIV.piii.p746****)*

Jirrizulta, u din hi anke *r-ratio* tal-ligi, (Artikolu 1004 tal-Kodici Civili) illi l-interpretazzjoni li trid tinghata, meta klawsola tista' tfisser haga u ohra, din ghandha tinftiehem dik il-haga li biha jista' jkun hemm xi effetti milli dik il-haga li biha seta' jkun hemm ebda effett. Disposizzjoni li tirrifletti l-principju *"in dubis interpretatio capienda est, ut dispositio potius valeat quam pereat".*

Gie ritenut ukoll illi:-

*"il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-*

*partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet"* (***Vol. XXIV.pIp27***) (***ikkwotata fis-sentenza "Beacom vs Spiteri Staines" - ibid; "Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni" - PA. RCP 12 ta' Lulju 2001; "Anton Spiteri vs Alfred Borg" - PA. RCP 30 ta' Novembru 2000; "Emanuel Schembri vs Leonard Ellul" - PA. RCP 30 ta' Ottubru 2001***);

Illi la l-principju legali huwa *pacta sunt servanda,* u la ma rrizultax illi t-*tender* gie espressament varjat kif jipprovdi l-istess *tender* jew b'xi mod kien hemm tal-anqas xi dikjarazzjoni bil-miktub jew bil-fomm espressa illi ghandu jkun hemm qbil ghal tali varjazzjoni, huwa l-kompitu ta' dan it-Tribunal illi jsib kif agixxew il-partijiet u cioe' mill-agir kemm tas-socjeta rikorrenti kif ukoll minn dak tal-Kunsill Lokali intimat jekk kienx hemm ftehim tacitu bejn l-istess partijiet illi effettivament ikun hemm varjazzjoni tal-kuntratt li kien vigenti bejn l-istess partijiet u aktar senjattiv jekk il-Kunsill Lokali intimat kienx tacitament accetta illi qed jinghata servizz *extra,* oltre dak stipulat fl-istess kuntratt li allura jkun jimmerita l-kumpens ulterjuri. Dan ser jigi trattat aktar '1 quddiem.

Illi sfortunatament jidher illi d-diverbju bejn il-partijiet inholoq ghaliex l-ebda wiehed minnhom ma deherilha li tkun cara u tispecifika kif ghandha tigi regolata u jekk ghandhiex tigi regolata il-materja tar-reklam ghall-ispiza addizzjonali hi konsegwenza ghall-kubagg mizjud ta' *litter bins.* It-Tribunal ihoss li kien jispetta lis-socjeta rikorrenti li taghmel dan b'mod car u bil-miktub meta, wara li beda l-kuntratt u cioe' f'Ottubru tas-sena 1995, hija ghamlet il-proposta lill-Kunsill Lokali, li tintroduci u tirrimpjazza l-*litter bins* antiki b'dawk godda. Jekk is-socjeta rikorrenti kellha fi hsiebha, mill-bidunett, li tithallas ghall-kubagg addizzjonali, it-Tribunal ihoss li kien jispetta lilha li taghmel dan b'mod car fl-ittra tal-10 ta' Ottubru 1995 fejn ipproponiet lill-Kunsill Lokali intimat illi tirrimpjazza l-*litter bins* fil-

Belt Valletta. Ghalhekk certament ma jistax jinghad li s-socjeta rikorrenti ma kkontribwietx, b'mod sinifikanti, biex taghti lok ghal din il-vertenza bejn il-partijiet.

Minn naha l-ohra jrid jinghad illi l-Kunsill Lokali intimat, rinfaccat b'tali proposta u certament konsapevoli mill-konsegwenzi li tali kubagg addizzjonali jista' jimporta fl-ezekuzzjoni tal-kuntratt minn kif originarjament preordinat, naqas ukoll illi jispecifika, mill-bidunett, li huwa kien lest li jaccetta l-introduzzjoni ta' *litter bins* godda bil-kundizzjoni li ma jkun hemm l-ebda hlasijiet addizzjonali ghajr illi ssir *insurance.* Minkejja li fl-Affidavits tas-Sindku Dottor Borg Olivier u tas-Segretarju Ezekuttiv Simon Cauchi jinghad illi l-Kunsill kien informa lis-socjeta rikorrenti li huwa kien ser ikun responsabbli ghall-*insurance* biss, ma jidher minn imkien li din it-twissija giet imressqa bil-mod li kellha titressaq u cioe' bid-debita intima f'forma ta' preavviz bhala kundizzjoni tal-accettazzjoni da parti tal-Kunsill ghall-proposta tas-socjeta rikorrenti. Kien jispetta wkoll lill-istess Kunsill intimat illi jiehu hsieb jispecifika pozittivament bil-miktub illi huwa kien ser jidhol responsabbli biss ghall-hlas tal-*insurance.* Dan kieku verament il-Kunsill kellu, fl-intendiment tieghu, illi tali introduzzjoni ta' *litter bins* godda ma kellux jimporta hlas addizzjonali ghat-tbattil u tindif. Ma giet prodotta l-ebda prova korroboranti ghal dak li jsostnu s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv illi din il-kundizzjoni giet trasmessa b'mod car u espress lis-socjeta rikorrenti qabel l-introduzzjoni tal-istess *litter bins.* Dak li segwa mbaghad meta s-socjeta rikorrenti bdiet tibghat l-*invoices,* huwa ferm aktar neboluz. Il-Kunsill Lokali intimat isostni li huwa kien ghamel laqgha f'Dicembru tas-sena 1996 fejn kien iddecieda li t-talba tas-socjeta rikorrenti u li din id-decizjoni tad-19 ta' Dicembru 1996 suppost kellha tkun id-decizjoni finali illi l-Kunsill ma accettax il-pretensjoni tas-socjeta rikorrenti u trasmetta l-

istess lis-socjeta rikorrenti. Tirrizulta pero` korrispondenza wara mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, u hawn issir partikolari referenza ghall-ittra tal-15 ta' Dicembru 1997 ezibita bhala "Appendix 12" mar-"Report on Overdue Payments" tas-socjeta rikorrenti, fejn il-Kunsill Lokali kien ghadu qieghed jinforma lill-istess Dipartiment tal-Kunsilli Lokali li huwa hareg sejha ghal Avukat u li gie maghzul Avukat li *"se jahdem fuq din il-materja".* F'dik l-ittra ntqal ukoll illi t-talba ta' Earthcare kienet giet diskussa mill-Kunsill fid-29 ta' Ottubru 1997 u ghalhekk m'huwiex possibbli jinghad li id-decizjoni finali tal-Kunsill intimat li ma jaccettax il-pretensjoni tas-socjeta rikorrenti ittiehdet fid-19 ta' Dicembru 1996.

Illi it-Tribunal jaghmel ukoll riferenza ghad-diversi Affidavits li pproduciet is-socjeta rikorrenti, li saru quddiem in-Nutar Vassallo Agius, u partikolarment dawk ta' Joseph Spiteri, Joseph Borda u Victor Scerri. It-Tribunal jidhirlu, wara li sema' l-istess xiehda in kontroezami, li ma ghandux jaghti pjen affidament ghall-kontenut ta' dawk l-Affidavits stante li ma rrizultalux car ic-cirkostanzi li fih saru dawk l-Affidavits u t-Tribunal, wara li sema' lill-istess xhieda jixhdu, jikkonkludi illi ma giex pruvat sodisfacentement illi xi hadd mill-ufficjali tal-Kunsill Lokali intimat effettivament kien verbalment assikura jew qabel mas-socjeta rikorrenti li hija ghandha tithallas;

Rilevanti ukoll huwa l-fatt illi kuntrarjament ghal dak li jsostni l-Kunsill lokali intimat skond il-kundizzjonijiet tat-tender, is-socjeta rikorrenti ma kellhiex il-fakolta diskrezzjonali li tirtira mill-kuntratt meta giet rinfaccata bir-rifjut tal-hlas da parti tal-istess kunsill ghall-kubagg addizzjonali. Jidher mill-artikolu 47 tal-kundizzjonijiet li kienu jirregolaw il-kuntratt bejn il-partijiet illi filwaqt li f'kaz ta' varjazzjoni oltre l-10 fil-mija il-kunsill kellu l-fakolta li jittermina l-kuntratt u johrog *tender* gdid, din id-dritt ma kienx moghti lis-socjeta rikorrenti li kienet

marbuta tonora l-obbligi minnha assunti fil-kuntratt.

Di piu gie ppruvat li mal-kuntratt, is-socjeta rikorrenti inkorporat ittra datata 13 ta' Marzu 1995 li ghaliha ser issir pjena riferenza aktar 'l quddiem fejn is-socjeta rikorrenti kienet stqarret li *"Should other bins be placed in the area, these will be cleaned at an extra minimal charge, agreed by both parties ".*

Ma giex pruvat li *a tempo vergine,* meta gie ffirmat il-kuntratt, il-kunsill intimat kellu xi rizervi dwar din l-asserzjoni li sostanzjalment tikkonferma li kien previst li jista' jkun hemm lok ghal xoghol addizzjonali ta' tindif u tbattil ta' *litter bins* matul il-validita tal-kuntratt.

F'din ir-retroxena, it-Tribunal iqis illi, minkejja dak kollu li nghad miz-zewg partijiet, kien jezisti bejniethom, ftehim tacitu li xi forma ta' kumpens kellu jinghata lis-socjeta rikorrenti ghat-tbattil u tindif tal-kubagg addizzjonali ta' *litter bins;*

Illi kif gia' inghad pero` s-socjeta rikorrenti ghazlet li tezibixxi korrispondenza u dokumentazzjoni voluminuza, pero' fl-ebda stadju ma ressqet xi forma ta' prospett iddettaljat *per diem* ta' dak li qed tirreklama u, minkejja moghtija anke opportunita' biex tikkjarifika dan fl-ahhar seduta, jidher illi s-socjeta rikorrenti taghzel li tistrieh fuq l-invoices mensili li hija ssostni li kienet baghtet, bazati fuq il-komputazzjoni ta' erbatax-il centezmu (Lm0.14) ghal kull *bin* hamsa u ghoxrin (25) litru mnaddaf. Din il-komputazzjoni tirrizulta sa mill-ittra taghha tat-23 ta' Lulju 1996 lill-Kunsill Lokali intimat, ezibita diversi drabi, inkluz bhala "Appendici 5" mad-Dikjarazzjoni pprezentata fit-3 ta' April 2007. Pero` b'kull rispett, anke jekk wiehed kellu jaghzel illi jaddotta tali komputazzjonijiet, dawn l-anqas iwasslu minnhom infushom ghal pretensjoni kif

dedotta. Dan jirrizulta minn kalkolu semplici kif ser jissemma.

Is-socjeta rikorrenti tippretendi li ghandha tithallas ghal perijodu mill-1 ta' Jannar 1996 sal-31 ta' Mejju 1999 li jtik elf, mitejn u hamsin (1250) gurnata. Issa, jekk wiehed jimmultiplika elf mitejn u hamsin (1250) bir-rata ta' sitta u ghoxrin liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm26.74) msemmija minn Ronnie Balzan fl-ahhar seduta u anke espressa fil-komputazzjoni tal-ittra tat-23 ta' Lulju 1996 u bid-Dikjarazzjoni tat-30 ta' Marzu 2007, ipprezentata fit-3 ta' April 2007, it-total ikun ta' tlieta u tletin elf, erba' mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm33,425.00). Dan huwa ferm differenti mir-reklam tieghu ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u erbgha u tletin liri Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm23,234.42) msemmi fl-ittra "Appendici 1" mad-Dikjarazzjoni pprezentata fit-3 ta' April 2007 u mis-somma ta' erbgha u ghoxrin elf mija u disgha u erbghin liri maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm24,149.67) indikata fil-prospett datat 2 ta' Marzu 2007. It-Tribunal jifhem illi kien hemm granet fejn it-tbaddil kien ridott anke partikolarment meta kien hemm *litter bins* vandalizzati u anke meta kien hemm zmien fejn xi toroq kienu qed jigu pavimentati mill-gdid u ghalhekk ma kienx qed isir is-servizz ta' tindif fihom. Pero`, jekk din kienet is-sitwazzjoni, kien jispetta lis-socjeta rikorrenti li tipprova l-pretensjoni taghha u mhux tistieden lit-Tribunal li joqghod fuq il-pretensjoni taghha ta' sitta u ghoxrin liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm26.74c) kull gurnata.

Di piu`, kif ammess fl-ahhar seduta mill-istess Ronnie Balzan u anke fid-Dikjarazzjoni pprezentata fit-3 ta' April 2007, ir-rata ta' sitta u ghoxrin liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm26.74) kull gurnata hija bbazata fuq ir-rata ta' erbatax-il centezmu (Lm0.14) fuq kull *litter bin* tal-hamsa u ghoxrin (25) litru li kienet ir-rata li biha s-

socjeta rikorrenti kienet qed taghmel il-kalkoli normali fl-ezekuzzjoni tat-*tender.* Jidher pero` illi lanqas is-socjeta rikorrenti ma kien fl-intendiment taghha illi, ghal kubagg addizzjonali, hija ticcargja l-istess rata u cioe' dik skond hi ta' erbatax-il centezmu (Lm0.14) fuq kull *litter bin* tal-hamsa u ghoxrin (25) litru. Jidher ukoll illi dwar din ir-rata lanqas is-socjeta rikorrenti ma kienet konsistenti.

Issir referenza ghax-xiehda ta' Helen Paris fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2005, fol 9, fejn tghid:-

*"Yes, regolari kull xahar; pero` l-ewwel invoice li rrid nghid intbaghtet f'Gunju ghas-semplici raguni li peress li ma sarx ftehim bejn il-Kunsill u l-Earthcare, l-ammont ezatt kemm ghandu jsir il-hlas hadniha ahna fuq il-litter bins li konna nikru jigifieri bnadi ohra u hrigna c-cifra, pero` ahna dejjem tlabnihom biex jekk ghandhom xi problem jiddiskutuha maghna halli nirrevedu dik ic-cifra jekk ma jaqblux maghha."*

Illi mbaghad l-imsemmija xhud taghmel referenza ghall-ittra ezibita bhala "Dok "EG2" fl-istess seduta fejn, a fol 11, jinghad:-

*"Mela din l-ittra kienet il-covering letter mal-kuntratt originali li sar ghall-cleaning refuse collection mill-Belt. Issa fit-tielet paragrafu hawnhekk qed jghid li: 'The fifty existing bins in the area to be cleaned will be emptied twice daily as specified in our quotation and will be washed as necessary. <u>Should other bins be placed in the area, these will be cleaned</u> at an extra minimal charge agreed by both parties'". (enfazi tal-esponenti)*

U l-istess xhud, ghad-domanda fuq ghalfejn gie necessitat dak id-dokument, u cioe' l-ittra tat-13 ta' Marzu 1995 tkompli tghid:-

*"Le hadd ma gibdilna l-attenzjoni pero` ahna ghamilniha hemmhekk to safeguard peress li anke f'Kunsilli ohra jigifieri t-tibdil ta' dik il-kwalita` ta' bins konna qeghdin nippreveduha ridna nkunu cari illi dawk il-hamsin bin biss dawk l-ezistenti kellhom ikunu parti mill-kuntratt, anything over and above ikun at an additional charge kif qieghed miktub hawnhekk "*

Dina x-xhud imbaghad, a fol 19 ta' dik is-seduta, tikkonferma li l-*litter bins* "il-godda" kienu ilhom ghand is-socjeta Earthcare minn qabel ma beda fis-sehh l-ewwel kuntratt. Infatti, in kontroeazmi hija tirrispondi *"le, dawk kienu ilhom ghand l-Earthcare minn '95, '94".*

Illi fir-retroxena ta' dan, it-Tribunal isib li meta it-*tender* giet accettata u ffirmata, il-partijiet kienu qed jaqblu li t-tbattil u t-tindif ta' kubagg addizzjonali ma kienx ser jithallas bl-istess rata. Id-Dikjarazzjoni fl-ittra tat-13 ta' Marzu 1995 hija pjuttost cara *"these will be cleaned at an extra minimal charge".* Ergo, dak li kien fl-intendiment tas-socjeta rikorrenti kien illi ghall-kubagg addizzjonali, hija tithallas "a minimal charge" u mhux l-erbatax-il centezmu (Lm0.14c) rata li hija thoss li hija regolari ghall-kull *litter bin* tal-hamsa u ghoxrin (25) litru;

Illi ssir imbaghad referenza ghad-dokumenti "PBOl" u "PBO2" ezibiti fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2005 li jittrattaw ukoll il-kundizzjonijiet li kellhom jirregolaw lill-partijiet fl-ezekuzzjoni tal-kuntratt meritu ta' dan l-Arbitragg u partikolarment ghall-ahhar klawsola rigwardanti varjazzjonijiet;

Illi mill-assjem ta' dak hemm provdut jidher illi filwaqt illi jekk ikun hemm varjazzjoni ta' tnejn punt hamsa fil-mija (2.5%) jigi meqjus li dak ix-xoghol ghandu jsir mill-kuntrattur bla ebda hlas addizzjonali, jekk ikun hemm varjazzjoni pero' bejn tnejn punt hamsa fil-mija (2.5%) sa ghaxra fil-mija

(10%), il-varjazzjoni kienet fil-kompitu tal-Kunsill li jaccetta u li jidher li f'dak il-kaz ikun hemm il-hlas. F'kaz illi l-varjazzjoni mitluba teccedi l-ghaxra fil-mijia (10%) tal-kuntratt, allura l-Kunsill ikollu d-dritt li jittermina l-kuntratt u johrog *tenders* godda.

Kif inghad, f'dan il-kaz jidher li z-zewg nahat ma ghazlux li jkunu cari mill-bidu dwar dak li qed jintendu u allura t-Tribunal **bilfors** irid ifittex u isib dak li kien fl-intenzjoni tal-partijiet.

Fic-cirkostanzi ghalhekk, gialadarba s-socjeta Earthcare kienet qeghda addiritura, flimkien mat-*tender* taghha, tannetti dokument fejn tistqarr illi hija kienet lesta li rigward il-kubagg addizzjonali hija tithallas *"an extra minimal charge"* u gialadarba hija kienet konsapevoli, ghax iffirmat il-kuntratt, illi normalment kuntratti mal-Kunsill Lokali li jibqa' miexi u ma jigix xolt u jinhareg *tender* mill-gdid ikollu varjazzjoni li ma teccedix l-ghaxra fil-mija (10%), kif ukoll gialadarba il-Kunsill Lokali intimat ma kien qajjem l-ebda rizervi ghal dak kontenut fl-ittra tat-13 ta' Marzu 1995 u accetta li jigu stallati *litter bins* ta' kapacita ferm akbar minghajr ma jittermina l-kuntratt, it-Tribunal iqis li l-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet huwa dak li kienet tezisti varjazzjoni tat-*tender* originali u ghandu jsir hlas ta' ghaxra fil-mija (10%) aktar mis-somma miftehma fl-ewwel *tender;*

Illi t-Tribunal jasal ukoll ghall-konkluzjoni li dan il-hlas huwa hafna aktar konformi mal-intenzjoni tal-partijiet u jirrispekkja hafna aktar dak illi huwa relatat max-xoghol addizzjonali li setghet inkorriet fih is-socjeta rikorrenti u dan huwa anke rifless fil-kwotazzjoni taghha ghat-tieni *tender* ghaliex it-Tribunal jidhirlu li huwa ferm rilevanti illi wara illi s-socjeta rikorrenti tghallmet torganizza s-sistemi taghha hafna ahjar, hija kienet f'sitwazzjoni li addiritura tikkwota ghal somma anqas u cioe' tnejn u tletin elf, hames mija u hamsin liri Maltin (Lm32,550.00) ghat-tieni *tender.* Dan ma jfissirx,

kif il-Kunsill intimat ried isostni, illi necessarjament is-socjeta rikorrenti ma kellhiex spejjez zejda fl-ezekuzzjoni tal-ewwel *tender* minhabba l-introduzzjoni tal-*litter bins* il-godda. Imma dan huwa aktar konformi u konsonanti mal-hsieb ta' dan it-Tribunal li dak li kien fl-intendiment tas-socjeta rikorrenti originarjament huwa li titlob spiza addizzjonali minima u mhux wahda bazata fuq ir-rata normali minnha reklamata ta' erbatax-il centezmu (Lm0.14c) kull *litter bin* tal-hamsa u ghoxrin (25) litru;

Illi kif jirrizulta mix-xiehda ta' Dottor Borg Olivier moghtija, permezz tal-Affidavit pprezentat fis-16 ta' Jannar 2004 u mid-dokument esibit fl-istess seduta, l-ewwel kuntratt kien ta' tlieta u tletin elf u tmin mitt liri Maltin (Lm33,800.00) fis-sena flimkien mat-Taxxa fuq il-Valur mizjud.

Ergo, ghaxra fil-mija (10%) tal-istess ghall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 1996 sa Mejju 1999, itik kif gej:

| | | |
|---|---|---|
| tlieta u tletin elf u tmien mitt liri Maltin (multiplikat) | (Lm33,800.00) | x |
| ghaxra fil-mija (multiplikat) | 10% | x |
| (tlett snin u hames xhur) | 3.42 | |
| itik | Lm11,559.60 + (izzid) | |
| hmistax fil-mija VAT fiz-zmien rilevanti (15%) | Lm1733.94 | |
| Total ta' tlettax-il elf, mitejn u tlieta u disghinLiri Maltin u erbgha u hamsin centezmu | Lm13,293.54 | |

Ghar-ragunijiet suesposti it-Tribunal jikkundanna lill-Kunsill Lokali intimat ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' tlettax-il elf mitejn u tlieta u disghin liri maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm13,293. 54) flimkien mal-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tal-prezentata tal-Avviz ghal dan l-Arbitragg.

L-ispejjez kollha ta' dan l-arbtiragg ghandhom ikunu sopportati kwantu ghal erbghin fil-mija (40%) mis-socjeta rikorrenti u kwantu ghal sittin fil-mija (60%) mill-Kunsill Lokali intimat.**”**

Fid-29 ta’ April 2008, l-imsemmi Tribunal ippronunzja s-segwenti digriet:-

**“**It-Tribunal,

Ra ir-Rikors tal-Kunsill Lokali Valletta ipprezentat fis-16 ta’ April 2008;

Ra l-Artikolu 48 tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet;

It-Tribunal iqis li l-likwidazzjoni li ghamel, fid-decizjoni minnu moghtija, tirrispekkja l-intenzjoni tal-partijiet u illi dak sottomess mir-rikorrenti, fl-imsemmi Rikors, huwa bazat biss fuq dak li unilateralment tippretendi r-rikorrenti u mhux fuq il-konkluzjoni tat-Tribunal.

Peress li ghalhekk ma hemm l-ebda zball ta' komputazzjoni ta' figuri u somom kif allegat, it-Tribunal jichad it-talba.**”**

Bl-appell tieghu l-Kunsill jimpunja din is-sentenza tat-Tribunal ta’ l-Arbitragg b’dawn l-aggravji:-

(1) L-eccezzjoni tieghu tal-preskrizzjoni a norma ta’ l-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili giet mit-Tribunal erronjament interpretata;

(2) Ma kien hemm ebda kontestazzjoni tal-fatti kif irrakkontati mis-Sindku tal-lokal. Una volta giet accettata t-tezi tal-Kunsill, it-Tribunal ma kellux *ex aequo et bono* jasal ghal likwidazzjoni tas-somma kif deherlu hu. Dan anke ghaliex it-Tribunal ma kellu ebda awtorizzazzjoni mill-partijiet li hekk jaghmel skond it-termini ta’ l-Artikolu 45 (2) ta’ l-Att dwar l-Arbitragg;

(3) It-Tribunal kien messu laqa’ t-talba tieghu ghall-korrezzjoni tal-komputazzjoni billi hu naqas milli jillimita ruhu ghas-somma in kontestazzjoni;

It-twegiba tas-socjeta` appellata ghall-appell introdott b’dawk l-aggravji hi hekk artikolata:-

(1) Fl-ewwel lok, l-irritwalita` u nullita` ta’ l-appell billi dan ma giex ipprezentat fit-terminu stabbilit mil-ligi;

(2) F’dan l-istadju ma setax lanqas isir appell mill-ewwel decizjoni arbitrali li cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

(3) It-tieni aggravju ghandu jigi respint billi ma jikkontjeni ebda punt ta’ ligi;

(4) Ukoll, l-ahhar aggravju ma fih ebda punt ta’ ligi ghal liema hu moghti dritt ta’ appell skond il-ligi;

Huwa fl-ordni logiku illi din il-Qorti ghandha qabel kollox tinvesti l-pregudizzjali ta’ l-irritwalita` ta’ l-appell sottomessa mis-socjeta` appellata in kwantu jekk din tirrizulta fondata ma jkunx hemm in-necessita` li tokkupa ruhha mill-aggravji tal-Kunsill appellanti sottoposti lilha;

Hu dispost mill-Artikolu 70B (2) ta' l-Att illi minghajr hsara ghal dak specifikatament provdut fl-Artikolu 6 tat-Taqsima B tar-Raba' Skeda, appell lil din il-Qorti minn decizjoni finali tat-Tribunal ta' l-Arbitragg ghandu jsir zmien hmistax-il gurnata minn meta tigi ricevuta dik id-decizjoni jew jekk kien hemm xi process ta' arbitragg ta' appell jew revizjoni, mid-data meta l-parti kienet notifikata bir-rizultat ta' dak il-process, jew meta l-process kien mod iehor kompletat, jew minn meta jkun skada z-zmien ghalih. Jirrizulta mill-inkartament ta' l-atti quddiem it-Tribunal ta' l-Arbitragg illi dan ippronunzja ruhu permezz ta' zewg decizjonijiet. Il-wahda moghtija fid-9 ta' Dicembru 2004 u li permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni opposta. L-ohra fil-mertu, moghtija fis-7 ta' Settembru 2007. Jidher mill-Avviz ta' ricevuta postali illi din l-ahhar decizjoni giet notifikata lil Kunsill appellanti fit-8 ta' April, 2008 wara li c-Centru Malti ta' l-Arbitragg kien irceviha fit-2 ta' April 2008. L-appell minn din l-ahhar decizjoni gie intavolat fil-15 ta' Mejju 2008 u dan ma jistax hlief ifisser illi z-zmien ta' hmistax-il gurnata prefiss fl-artikolu predett ta' l-Att kien abbondantement skada;

Issa m'ghandux ghalfejn jigi ripetut illi perijodu statutorju prefiss minn xi ligi ghall-proposizzjoni ta' appell hu wiehed fatali li kellu jigi dejjem osservat *ad unguem*. Din l-esigenza procedurali lanqas setghet tigi salvata jew sanata b'xi re-integranda ghax, kif jinsab ritenut, "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qorti jew quddiem it-Tribunal huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux bl-ebda mod jigu injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula. Dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta' irritwalita` u nullita` tal-proceduri". "**Giuseppe Caruana -vs- Charles *sive* Charlie Psaila**", Appell, 21 ta' Marzu, 1997;

Certament, il-Kunsill appellanti ma jistax jippretendi illi hu seta' jipprevalixxi ruhu mill-fatt illi, wara d-decizjoni finali, hu ressaq rikors ghall-korrezzjoni ta' zbalji fil-

komputazzjoni tas-somma likwidata. Dan ghaliex dik it-talba tieghu kif koncepita ma kienetx isservi biex tarresta z-zmien ta' l-appell li kien miexi. Dan la tghidu l-ligi specjali (Kapitolu 387) u lanqas il-ligi ordinarja taht il-Kodici ritwali (Kapitolu 12). Ara Artikoku 825 (1) tieghu;

Indubitament, il-korrezzjoni tad-decizjoni arbitrali konsentita bl-Artikolu 48 (1) ta' l-Att, mahsub *inter alia*, biex issewwi zbalji ta' komputazzjoni, ma ggibx modifikazzjoni jew revizjoni tal-provvediment arbitrali b'mod li tigi mibdula d-decide tieghu. Hi biss id-decizjoni li tikkostitwixxi r-rizultat ta' attivita` decizorja u li taghlaq definittavament quddiem it-Tribunal, li emettiha, l-*iter* procedimentali. Jikkonsegwi minn dan illi z-zmien ghall-proponiment tar-rikors korrettiv u dak taz-zmien ta' l-ordinanza dwaru mit-Tribunal ma jestendix iz-zmien legali ghall-intavolar ta' l-appell minn dik id-decizjoni definittva, anke ghaliex ma jidhol fl-ebda wiehed mill-ahhar tliet ipotesijiet prospettati mill-Artikolu 70B;

Ankorke kellha din il-Qorti tokkupa ruhha brevement mill-motivi ta' aggravji sottoposti lilha xorta wahda ma ssibx li tezisti ebda gustifikazzjoni guridika ghall-akkoljiment taghhom jew ta' xi wiehed minnhom;

Ibda biex, it-Tribunal sewwa ddecieda bl-ewwel sentenza tieghu l-punt tal-preskrizzjoni eccepita u l-konsiderazzjonijiet minnu zvolti huma ineccepibbli. Applikata ghal fattispeci dik il-preskrizzjoni kienet insostenibbli in kwantu kif hawnhekk hu l-kaz, id-dispost ta' l-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili ma huwiex riferibbli "*a coloro che esercitano una impresa per il loro credito per le opere da loro eseguite e pei materiali da loro forniti*" ("**Tommaso Pace *nomine* -vs- Salvatore Muscat**", Appell Inferjuri, 18 ta' Mejju 1929; "**Benny Camilleri -vs- Ian Schembri *et***", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 16 ta' Dicembru, 2002);

Bi twegiba ghat-tieni u ghat-tielet kapijiet ta’ aggravju jibda biex jigi l-ewwelnett premess illi meta quddiem din il-Qorti tigi impunjata d-decizjoni tat-Tribunal ta’ Arbitragg mhux akkonsentit ir-ri-ezami tal-fatti tal-kaz u l-ebda sindakar ta’ l-apprezzament ta’ dawn il-fatti. Ghall-ammissibilita` ta’ l-appell irid jirrizulta illi sar mit-Tribunal apprezzament errat tal-principji tal-ligi applikabbli ghall-elementi fattwali. Hu fundamentali li mill-appell innifsu jirrizulta l-punt ta’ ligi li allegatament gie vjolat. Hi proprju l-istess ligi, ex-Artikolu 70B ta’ l-Att, li timponi b’oneru fuq l-appellant li jidentifika l-principju tal-ligi li hu jassumi li gie vjolat. Mhux, allura, bizzejjed illi hu jillimita ruhu sempliciment biex jikkontesta l-kap tas-sentenza b’censura dwar il-valutazzjoni tal-fatti jew billi jilmenta dwar il-livell elevat tal-komputazzjoni. Fil-fattispeci, mehud rigward ta’ dak li appena nghad, l-aggravji kif proposti u hekk limitativi ta’ kritika dwar l-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi, huma inammissibbli;

Fl-ahharnett, irid jinghad illi lanqas ma hi korretta l-kritika tal-Kunsill appellanti illi t-Tribunal oltrepassa l-awtorizzazzjoni tal-partijiet kif lilu sottomessa bil-ftehim kompromissorju meta ddecieda l-ammont likwidiat u dovut lis-socjeta` appellata skond l-ekwita`;

Huwa minnu li skond l-Artikolu 45 (2) ta’ l-Att “it-tribunal ta’ l-arbitragg ghandu jiddeciedi bhala ‘*amiable compositeur*’ jew ‘*ex aequa et bono*’ biss jekk il-partijiet ikunu espressament awtorizzaw lit-tribunal ta’ l-arbitragg li jaghmel hekk”. Jinsab, b’ danakollu, osservat mill-**Qorti ta’ l-Appell ta’ Genova** (**30 ta’ Marzu 1994, R. art. 94, 521**) illi “*non giudica secondo l’ equita` l’arbitro che secondo equita` liquida il danno. Questa determinazione è cosa ben diversa dal giudizio ‘secondo equita`’ a cui le parti possono far ricorso in alternativa al giudizio ‘secondo diritto’.*” Dan kif jinghad ukoll fl-Artikolu 45 (1) ta’ l-Att tal-ligi taghna;

Tissokta tinkalza il-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** (**2004/6931**) “*pertanto, è immune da censure la decisione*

*degli arbitri che siano addevenuti alla liquidazione dei danni in via equitativa, tanto nell'ipotesi in cui sia mancata interamente la prova del loro preciso ammontare, per l'imposibilita` della parte di fornire congrui ed idonei elementi al riguardo, quanto nell'ipotesi di notevole difficolta di compiere una precisa qualificazione*". Is-sentenza appellata tirrientra certament fl-amibtu ta' din l-affermazzjoni u, konsegwentement, l-aggravju propost taht dan il-profil mhux lanqas sostenibbli.

Ghal dawn il-motivi u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet kollha premessi l-appell qed jigi rigettat u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez kontra l-Kunsill Lokali appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------